**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Ottubru 2020.**

**Rikors nru: 4/2010 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 8 ta' Jannar 2010, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-kontendenti f'din il-kawza zzewwgu nhar is-6 ta' Gunju 1990 u dana skond l-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. MC 1;

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti, thassar irrevokabilment minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi gravi u ingurji da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru ta' bejn il-partijiet;

3. Illi miz-zwieg twieldu  tlett itfal, D, E u F, li llum ghandhom l-eta ta'  18 -il sena, erbatax u seba' snin rispettivament;

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata halli wara l-process ta' medjazzjoni hi tipprocedi  permezz ta' din il-kawza ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha ( Dok. MC 2);

Ghaldaqstant, l-attrici ghal ragunijiet hawn fuq premessi umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

a. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

b. Takkorda l-kura u kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-attrici;

c. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghalih u ghal tfal minuri taghha;

d. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut, is-sanzjonijiet ikkontemplati fil-Ligi, u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' Perit, biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni  u jipproponi  pjan  ta' qasma, u okkorendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

e. Tapplika l-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn mal-attrici u

ghalhekk ghandom jigu applikati l-effetti kollha tal-imsemmi artiklu fil-konfront tal-istess konvenut;

f. Tiddikjara li l-attrici ghandha tirriverti lura ghal kunjomha xebba u cioe' G;

g. Tikkudanna lil-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez billi l-firda ma kienetx t-tort taghha izda tort tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-istess konvenut, minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenut CB datata 15 ta' Frar 2010, fejn espona bir-rispett u kkonferma:-

1. Illi l-esponent jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda mhux ghal ragunijiet lilu imputabbli u l-esponenti qed jipprezenta kontro-talba ghat-talbiet ta' martu skond il-ligi filwaqt li jirriserva kull dritt tieghu li jitlob li tinstab hatja ta' ingurji gravi skond il-ligi, stante allegazzjoni odjerni maghmulin kontrih.

2. Illi martu abbandunat d-dar konjugali fil- 25 ta' Settembru, 2009 minghajr raguni gusta skont il-ligi. Illi qabel ma iddecidiet li titlaq, martu kienet rrendiet il-hajja mizzewwga ta' bejniethom impossibbli. Illum il-gurnata, lanqas biss tkellem lil binhom il-kbir Shaun li ghandu 18-il sena u ricentament waqfet hesrem kull kuntatt bejni u bejn Luke b' dannu kbir ghall-istess tifel. Hi ukoll ghamlet minn kollox biex thassar ir-relazzjoni bejn il-esponent u binthom.

3. Illi ghalhekk it-tieni talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha peress li mhux fl-ahjar interess ta' uliedhom minuri li jigu fdati fil-kura u kustodja assoluta tal-attrici kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

4. Illi t-tielet talba attrici ukoll ghandha tigi michuda kif dedotta peress li l-attrici hija kapaci ghax-xoghol, ghandha titqies li iddekadiet minn kull jedd taghha li titlob manteniment minghandu u in oltre' ghandha ukoll skond il-ligi tikkontribwixxi ghall-manteniment t'uliedhom.

5. Illi hemm qbil dwar ir-raba' talba attrici purche' li tigi stabbilita data li minn dik id-data 'l quddiem l-attrici titqies li hija hatja tal-firda u ma jkollha ebda sehem minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponent.

6. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li m'ghandhomx jigu applikati kontra l-esponent is-sanzjonijiet mitluba stante li ma jezistux l-elementi rikjesti mil-Ligi, sabiex dit-talba tigi milqugha.

7. Illi ma hemmx oggezzjoni ghas-sitt talba tal-attrici.

8. Illi s-seba' talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni hija l-attrici li ghandha tigi kkundannata tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

9. B' riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attrici minn issa ingunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat il-kontro-talba pprezentata minn CB, fejn espona bir-rispett u kkonferma:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Gunju 1990 skond kif jirrizulta mic-certifikat anness dok MC 1 mar-rikors tal-attrici.

2. Illi miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal, D, li huwa maggorreni, E u F, li ghadhom minorenni.

3. Illi l-hajja mizzewwga taghhom saret impossibbli unikament tort tal-attrici AB minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, mohqrija, vjolenza, minacci u ingurji gravi kontrih mill-istess attrici, u kif ukoll peress li tkisser irrimedjabilment u dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

4. Illi l-attrici kienet hatja ta' krudelta' fizika u morali fil-konfront tieghu u anke fil-konfront ta' bin il-kontendenti, Shaun, kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

5. Illi inoltre' abbandunat id-dar konjugali f' Settembru 2009 flimkien mat-tfal E u F, u dan minghajr raguni gusta skont il-ligi. Shaun dak iz-zmien kien ghadu minorenni izda ghazel li jibqa' jghix mal-esponenti.

6. Illi mill-ahhar tas-sena li ghaddiet sahanistra waqfet hesrem u minghajr raguni kull kuntatt bejnu u F li sa dak iz-zmien l-esponent kellu access ghalih u sahansitra lanqas biss hallietu jikkuntatjah jew jarah fiz-zmien il-Milied. Dan kollu hu ezempju iehor tal-krudelta' tal-attrici li abbuzat bil-fiducja tat-tfal taghhom sabiex ippruvat tuza' lil Luke bhala pedina bejn il-partijiet.
7. Illi fil-mori ottjeniet digriet ta' alimenti pendente lite, l-esponenti b' diffikulta' kbira, dejjem onora, izda xorta wada cahditu minn uliedhom minghajr raguni gusta.

8. Illi l-esponent gia' ghadda minn zewg operazzjonijiet wara xulxin ta' *open heart surgeries,* fis-sena 2008 u minkejja li naqas ix-xoghol tieghu, l-attrici rnexxilha tottjeni manteniment ghaliha u anke ghat-tfal fl-ammont ta' Ewro 629.10 fix-xahar minbarra l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni tat-tfal li l-esponent ma jiflahx ihallas;

9. Illi l-attrici hija kapaci ghax-xoghol. E u F ghandhom l-etajiet rispettivi taghhom ta' 14 u 7 snin, u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex l-attrici ma ghandhiex tghin lilha nnifisha u lit-tfal u tohrog tahdem. Inoltre' ghandha sehem f'kumpanija kummercjali C. Boffa Limited, li hija kumpanija tal-familja.

10. Illi inoltre' bdiet process ghal-separazzjoni tlett xhur wara biss li hu ghadda ghat-tieni operazzjoni u lanqas biss kellha l-icken rigward ghal sahhtu u l-effetti hziena tal-inkwiet u tensjoni li holqot mhux biss ghalih, imma ghall-familja shiha.

11. Illi l-attrici fixxklet l-access hieles u liberu li l-istess esponenti kien igawdi ma' uliedu l-minuri, ukoll bi hsara ghall-istess drittijiet tat-tfal u tieghu u dana kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

12. Illi l-esponent qed jipprevali ruhu mill-jedd li jipprocedi f'din l-istanza wara l-awtorizazzjoni moghtija mill-Qorti kompetenti fl-ismijiet inversi (Dok MC 2 anness mar-rikors guramentat fuq premess).

13. Illi r-rikonciljazzjoni mhix possibbli u ghalhekk qed ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata.

**TALBIET RIKONVENZJONALI TAL-KONVENUT.**

Ghaldaqstant tghid l-attrici ghaliex m' ghandix:-

1. Tigi ppronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi B ghal ragunijiet premessi imputabbli lil-attrici rikonvenzjonata minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, mohqrija, vjolenza, minacci u ingurji gravi kommessi kontrieh mill-istess attrici, kif ukoll peress li tkisser irrimedjabilment, dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

2. Taffida l-minuri F u E ahwa B fil-kura u kustodja tal-esponent jew fil-kura u kustodja tal-partijiet b' dawk il-provvedimenti kollha opportuni ghal-ahjar interess tal-minuri.

3. Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri u tordna lil-attrici sabiex thallas dik ir-retta hekk stabbilita ghall-wild minuri skond il-ligi jew altrimenti tapporzjona l-manteniment ghall-minuri bejn iz-zewg kontendenti skond il-ligi.

4. Tiddikjara li l-attrici ma ghandha ebda dritt ghall-manteniment ghaliha jew altriment iddekadiet minn kull jedd li titlob u / jew tircevi manteniment ghaliha mill-konvenut.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mil-komunjoni tal-akkwisti wara li jitnaqqsu l-krediti parafernali spettanti lill-esponent u jithallsu lilu, jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet, illi jigu assenjati lill-partijiet, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti milli tigi stabbilita data bhala data meta l-attrici tigi ikkonsidrata li tkun hatja tal-firda b' tali mod li hi titlef kull jedd, ghal kull akkwisti maghmula bil-hila tal-esponent skond il-ligi, u dana okkorendo b'opera ta' perit nominando sabiex jillikwida l-istess

komunjoni, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jipprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 ED. tal-ligijiet ta' Malta).

7. Tordna lill-attrici sabiex thallas jew tikkonsenja lill-esponent skond il-kaz il-krediti u propjeta' parafernali u personali tieghu.

8. Tawtorizza lill-esponent jabita fid-dar matrimonjali cioe' id-dar bin-numru 48, fi Triq il-Mohriet, Attard, ad eskluzjoni tal-attrici skond il-ligi.

Bl-ispejjez**,** inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt il-medjazzjoni - kontra l-attrici rikonvenzjonata ngunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota tal-Appogg datata 26 ta' Gunju, 2013.[1]

Rat ir-rapport tal-Perit tekniku AIC Alan Saliba datat 21 ta' Novembru, 2013.[2]

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo u x-xhieda hemm kontenuta.

## **FATTI**

[1] Ara fol. 1196.
[2] Ara fol. 1245.

1. L-attrici tiddeskrivi l-ewwel sena ta' zwieg taghhom, bhala zmien mhux daqshekk sabih, ghax l-konvenut kien dejjem jiggieled maghha u kien hemm hafna dizgwid. Jekk kienet titlaq minhabba xi argument, kien isakkarha barra u kien ikollha tmur thabbat ghand oht il-konvenut li kienet toqghod fuqhom. Tghid li tant ma kinitx thossha safe fid-dar taghha, li kienet thoss sens ta' izolament. Tametti li meta kien ikollhom xi jghidu kienet taqbad u tohrog barra mid-dar, ghax dak kien l-ahjar mezz.

   Dwar il-genituri taghha tispjega illi jaghmlu hafna maghha, in partikolari meta kienet welldet it-tifel u kienu jwasslu lit-tfal fejn kellhom bzonn ikunu, biex jiffrankaw lill-konvenut milli joqghod jitlaq mix-xoghol. Kienet tmur izurhom meta kienet toqghod Guardamangia ghax kienet vicin, imma kienet tmur filghodu, meta l-konvenut kien ikun ix-xoghol.

   Tichad li l-konvenut kien jahdem fit-tard, izda kien ghamel zmien hekk meta kien imur jahdem fid-dar il-gdida. Kienu ghamlu hafna xogholijiet fiha peress li ghalkemm kienet lesta ma kinux il-gosti taghhom.

   Kienu xtrawha Lm50, 000. Lm 40, 000 minnhom kien harighom il-konvenut mill-flus li kien gemma meta kien il-Libya.

   Dwar meta kienet qed tistenna l-ewwel tarbija, tammetti li kienet qalet lill-konvenut li t-tarbija ma kinitx tieghu u kienet qaltlu hekk peress li kien bezqilha fuq zaqqha u wasslet biex tghid hekk.

   Fl-2002, l-affarijiet bejniethom rega' qalbu ghall-aghar u sadanittant kienet saret taf li kienet qed tistenna t-tielet tarbija. Meta qalet lill-konvenut kien beda jinsinwa li t-tarbija ma kinitx tieghu. Kien beda jkun kattiv hafna

maghha, tant li kienet bdiet tmur counselling u wara hames xhur regghu bdew jippruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni. Il-konvenut kien ighidilha li jiddispjacih u kien iwieghdha li ma jkunx iktar aggressiv, izda mbaghad kien jerga' isir l-istess persuna.

Tul iz-zwieg l-ghira tal-konvenut bdiet hierga izjed. Kien ighajjarha li hi kkommettiet adulterju u dan tinnegah ghal kollox. Kien sar jaf fuq vakanza li kienet ghamlet mal-habiba taghha Sqallija, fiz-zmien li kienu mifrudin u kien qghadu ghand zewg zghazagh li kienu saru jafu xi sena qabel. Kemm il-darba kien iqajjem dan il-incident li kien qisu sar ossessjoni. Kien ghalhekk li kienet tkellmet ma' Dun Gorg Dalli, li beda jipprova jghinhom u ghalhekk Dun Gorg kien issuggerilha li tmur tkellem l-Appogg, baqghet tittama li l-affarijiet imorru ghall-ahjar.

Tispjega li l-familja tal-konvenut kienu jmorru ghandhom u jidhlu fuqhom. Fis-sajf tas-sena 2007, omm l-attrici kienet mardet bil-kancer u kienet ghaddejja minn perjodu ikrah, izda ma kinitx sabet sostenn minghand il-konvenut, li kien kontinwament ikun vjolenti maghha u kemm il-darba kienet titlaq mid-dar. F'dawn l-incidenti l-konvenut kien ikisser affarijiet fid-dar bhal bieb tal-cupboard tal-kcina, bieb tal-kamra tas-sodda. Minhabba dawn l-incidenti, it-tfal kienu qed ighixu hajja ta' infern.

Fix-Xitwa tas-sena 2008, l-affarijiet bdew jaqilbu ghall-ahjar peress li l-konvenut kellu jaghmel zewg operazzjonijiet u l-attrici kienet idur bih, izda mal-ewwel glieda, il-konvenut kien rega' jkun abbuziv. Fl-istess sena kellhom xi jghidu ghal darb'ohra u l-konvenut kien refa' idejh fuqha. Minn hawn indunat li ma setghetx taghtih cans iktar ghax ma riedx jinbidel. Kien f'dan iz-zmien li kienet tmur ghall-ghajnuna l-Appogg u kienet anke bdiet

il-“Christotherapy” ghand Anne Cutajar, li kienet esperjenza li ghenitha hafna.

Minkejja dan il-glied kollu, fil-Milied tal-istess sena riedha torganizza l-ikla tal-Milied, izda kienet fethet qalbha mal-genituri taghha b’dak li kien qed jigri.

Kien hemm hafna theddid ukoll u l-konvenut kellu ossessjoni tal-ghira u minhabba f’hekk kienet qed tghix hajja ta’ biza u d-dar kienet saret il-habs.

F’Gunju, 2009 bdew bil-proceduri ta’ medjazzjoni u relazzjoni ta’ bejniethom kienet saret iktar gravi. Il-konvenut kien beda jghawwi lil binhom u minn hawn beda jinbidel fil-konfront taghha u kien ikellimha kif kien ikellimha l-konvenut.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien iffissat li kienet tigri mal-irgiel u l-istess kien jakkuza li ommha kienet l-istess u li t-tfal taghhom ma kienux ihobbuhom u beda jghid li binthom, li l-attrici ma kinitx thobbha. It-tifla kienet ser tibda titkisser u l-attrici ddecidiet li kellha tipproteggi lil uliedha u kienet telqet b’zewgt itfal taghha, bl-ikbar dispjacir taghha li kienet halliet binha l-kbir warajha.

Tispjega li fi Frar, 2010, kienet mietet ommha u kienet ppruvat tikkonvinci lil D, binhom il-kbir biex izur lil nanntu, izda ma kienx mar u lanqas hu u lanqas il-konvenut ma kellhom id-decenza li jattendu l-funeral.

Minn meta telqet mid-dar, l-attrici tghid li hi u uliedha jghixu fil-paci. It-tifel il-kbir D ighix ma’ missieru, filwaqt li l-konvenut jezercita l-access ghat-tifel minuri biss. Lanqas ikellem lit-tifla. Dwar it-tifel D tispjega li

jiddispjaciha li gie mghawwi kontriha mill-konvenut u sahansitra xehed kontriha falsament meta marret igib xi frieket mid-dar konjugali. Il-konvenut kien ghamel rapport kontriha lill-pulizija u spiccat li tressqet il-Qorti, izda giet liberata.

Bhala konsegwenza t-tifel minuri z-zghir ma riedx imur iktar ghand missieru, sakemm il-konvenut ipprezenta rikors ghall-access u kellhom imorru ghall-access kontra qalbhom. Jingabru mill-ghassa tal-pulizija u ghall-attrici dan qed jikkagunalhom hafna hsara. Skond l-attrici, il-konvenut juza' dan il-hin biex ighawwi lit-tfal.

L-attrici kienet anke ghamlet rikors ghax hasset li t-tfal qed ibatu psikologikament, biex jaraw psikologu u meta l-konvenut sar jaf b'dan kien ha lit-tifel minuri F minn wara daharha.

Tistqarr ukoll illi f'Novembru, il-Qorti kienet harget ordni ghall-manteniment u minkejja li kien hemm ordni ghall-hlas ta' manteniment u hlas tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha taz-zewg minuri li qedghin maghha, spicca li l-konvenut qatt ma hallas. B'hekk qed ikollha twassal lit-tifel l-iskola hi stess u bit-tifla jghinha missierha. Bhala spejjes dovuti mill-konvenut, tghid li dawn jammontaw ghal €2760. Tghid li qatt ma hallas manteniment ghax-xahar ta' Novembru u ghad trid tircievi ghalhekk €629.10.

L-attrici esebit u elenkat lista ta' assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti.[3]

[3] Ara fol. 135- 137

Dwar ir-relazzjoni taghha mal-familja tal-konvenut, tghid li kienet tirrispettahom sakemm bdew bil-proceduri ta' separazzjoni, ghax imbaghad, kienu kollha daru kontriha. Kienu jghidu kontriha quddiem it-tifla u din kienet tkun imbikkma.

Tichad li ma kinitx mara tad-dar li kienet tassumi r-responsabbilitajiet tal-familja ghal dak li jirrigwarda t-tindif, it-tisjir u l-ikel. Tghid li fl-ahhar sena tammetti li ma kinitx qed issajjar ghall-konvenut u dan peress li ma kienx joqghod id-dar u kien johrog mat-tifel Shaun u di piu' ma kienx qed jaghtiha flus. Kull darba kienu jisparrixxu l-flus meta kien ikollhom xi jghidu u ghalhekk bla flus ma setghetx taghmel ix-xiri u ssajjar.

Tichad li l-genituri qatt tawha xi somma flus, kienu biss xtrawlha xi ghamara.

Tametti li kienet gibdet xi flus mill-bank, izda kienu xi Lm4000 u mhux Lm18, 000 u dan ghamlitu meta rrealizat li kienu sparixxew flus li l-konvenut kien izomm fil-kexxun fid-dar.

2. Il-konvenut jitkellem dwar l-gherusija u li minn dejjem kien ikollhom xi jghidu, hu dejjem kien icedi hu. Kien hemm darba meta kien ghajja jerga' jaqa' ghall-attrici u ddeciedi li ma jiehux l-ewwel pass sabiex jara jekk verament kinitx thobbu. L-attrici kienet damet sena qabel ma regghet hadet l-ewwel pass, meta kienet cemplet lill-konvenut sabiex jergghu jippruvaw. Il-konvenut jammetti li kien mbezza' ghax ma riedx jerga' jghaddi mill-istess weggghat.

Ighid li l-attrici kienet skuzat ruhha ghall-mod kif kienet ittrattatu u li kienet wieghditu li tul is-sena li damu mifrudin ma kienet harget ma' hadd.

Meta kienu qed jiddeciedu meta ser jibda johorgu, l-attrici nfurmatu li kienet ibbukkjat vjagg  ma' habiba taghha HI u li kienet ser tmur u wara jibdew jaraw lil xulxin regolarment. Jametti li kien raha stramba dakinhar u hmistax-il sena wara sar jaf minghand il-habiba taghha HI li meta marru Sqallija, l-attrici kienet marret tiltaqa' mal-gharus taghha dak iz-zmien u kienet hi li kienet ikkomunikat mieghu. Izid ighid li sar jaf ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn l-attrici kienet qaltlu li ma setghux jiltaqghu u dan kien minhabba l-gharus taghha kien gie Malta u marret tiltaqa' mieghu u sa anke marret fil-kamra tas-sodda tieghu fil-flat fejn kien u kienu ghadu jitbewsu, skond kif kienet ammettiet mat-tifel D.

Il-konvenut jilmenta li l-attrici kienet ingannatu u gidbet mieghu, tul dawn is-snin kollha u anke l-familja taghha kienu jafu b'dan il-hmieg ghaliex dan l-Isqalli kien imur izurha fuq il-post tax-xoghol, fejn kien ikun hemm missierha u huha J.

Jistqarr li ghall-bidu li kienu rrangaw kienet taghmel sforz biex turih li kienet inbidlet, izda malli ndunat li kien qed jerga' jafdaha regghu waqqghu ghal istess abbuzi u kull meta l-attrici kienet tinduna li tkun marret oltre l-limitu kienet tibghatlu kartolina tiskuza  ruhha. Maz-zwieg ighid li dawn l-abbuzi zdiedu minflok naqsu.

Kien jiftah qalu mal-aktar habiba ghaziza tal-attrici KL, li kienet tafha minn ckunitha. Kienet tghidlu li l-attrici ghandha karattru difficili u gieli anke maghha kien hemm drabi meta ma kinitx tkellimha. Kien ihoss li meta jkellimha seta' jimxi mal-attrici biex forsi jifimha ahjar. Kien anke jmur ma' K biex tghinu jaghzel xi rigal ghall-attrici. Pero' jghid li wara l-ahhar incident li sehh bejnu u l-attrici, K u zewgha ma baqghux ikellmuh.

Ftit wara li zzewwgu kellhom lit-tifel D u jghid li kien ferhan se jtir. Anke f'dan il-mument suppost sabih, ighid li l-attrici qalghet il-glied u kienet theddu li ser titilqu u li t-tarbija kienet frott tal-mibeghda. Jispjega li mal-wasla ta' D beda l-indhil tal-familja tal-attrici, li kienu jmorru ghandhom kuljum minghajr ma javzawhom u kienu anke organizzaw btala Ghawdex minghajr ma nvolvewh peress li kien ikun ix-xoghol, izda jghid li kien ha ghalih. Minn hemm spiccaw li prattikament ma setghu jaghmlu xejn minghajr il-familja tal-attrici u kienet anke qattghetu minn mal-hbieb tieghu.

Kull mother's day u father's day kienu ighadduha mal-familja tal-attrici u kienet torganizza party kull sena d-dar taghhom ghall-birthday ta' missierha.

Il-konvenut isemmi li kien xtara post f' H' Attard u kien hareg il-flus milli kien faddal meta kien jahdem il-Libja u kienu jammontaw ghal Lm50. 000. Kien nefaq hafna flus biex ghamel alterazzjoni fil-post ghall-gosti tieghu u tal-attrici. Ighid li kien zamm parti minn dina s-somma peress li kien konxju li kien hemm spejjes ohra tal-affarijiet li kellhom jinbidlu. Kien ukoll ha loan ta' Lm10, 000 mil-Lombard Bank (Malta ) Ltd. Kien uza ukoll Lm5000 li kellu l-Lombard Bank u jichad fl-istess hin li kienet l-attrici li kienet harget dan l-ammont. Kien jinzel jahdem fil-post wara li kien jispicca x-xoghol, izda l-attrici ma kinitx grata minkejja s-sagrificcji tieghu u spiccaw jiggieldu. Kienet lanqas biss issajjarlu jew tahsillu l-hwejjeg, Meta kienet tiggieled mieghu kienet iddum sejra bil-kwistjoni xi tlett xhur u drabi hames xhur.

Meta marru joqoghodu Attard, l-attrici kienet tistieden biss il-familja taghha. Il-genituri taghha kienu jmorru ghandhom ghall-gharrieda jew

johorgu mal-attrici u t-tfal. Il-genituri tieghu kienu jistiednuhom darba' f'sena u kienu jattendu ghal xi birthday taghhom,

Kellhom xi jghidu dwar xi ritratti u l-konvenut kien jilmenta li ma kienx hemm ritratti ta' uliedhom wahedhom.

Isemmi li fl-2001, kellu xi problemi rigward il-post minn fejn kien jahdem u ried igorr fi zmien qasir biex imur post iehor u ma sab l-ebda sapport minghand l-attrici. Kellu warehouse li kien jikri missieru u meta gie nieqes missieru kien ha over. Imma ukoll kien xtara warehouse tieghu qabel iz-zwieg u dan kienet tafu l-attrici. Kienet ghamlet xi xahar ma tkellmux u wara dan iz-zmien kienet qaltlu li tqila. Ma kienx jemmen lit-tarbija kienet tieghu u dan peress skond hu ma kinux intimi. Fl-ahhar ighid li ddecieda li jemmen lill-attrici u twieled F u kien ihobbu daqs uliedu.

Fis-sena 2004, kien miet missieru u peress li kien qed jaghmel hafna zmien l-isptar, l-attrici kienet bdiet tirrabbja mieghu. Wara li miet, kienu stiednu l-familja tieghu ghal Ewwel tas-Sena u l-attrici kienet qalghet il-glied quddiemhom u ma felahx izjed u mar ighix ghand ommu u kien ghamel xi xahar. Kien imur biex jara lit-tfal. Tul dan il-perjodu jghid li hadd mill-familija tal-attrici ma kien cempillu biex jara kif kien, lanqas shab l-attrici, hlief ghall HI.

Fit-8 ta' Frar, 2008, il-konvenut ighid li kellu jigi operat b'triple bypass tal-qalb. Din kienet operazzjoni serja u b'riskju kbir li jibqa' tahtha. Kien ghalhekk li kien xtara karozza ghall-attrici biex tkun tista' tiehu hsieb il-familja, ghax fil-passat kienet inqalbet bil-karozza, bit-tifla E maghha u minn hemm ma kinitx baqghet issuq. F' dan iz-zmien kienet tiehu hsiebu u kien kuntent, sakemm l-affarijiet regghu jispiccaw l-istess. L-istess kien

gara meta ghamel l-operazzjoni tal-aorta fit-28 ta' Gunju, 2008. Hass li r-relazzjonijiet bejniethom kienu tjiebu, izda kien zbaljat.

L-attur isemmi diversi episodji ohra fejn kien inqala' d-dizgwid bejniethom. Meta l-attrici kienet indunat li ma kinitx qed tasal imkien iddecediet li tibda terfa' idejha fuqu. L-ikbar argument li wassal ghas-separazzjoni kien minhabba l-aquarium li ried jixtri lill-minuri F.

Ghall-habta ta' nofs Settembru, 2008 l-attrici kienet tatu battikata u nduna li kienet ghazlet it-triq li riedet tghaddi minnha. Kienu ppruvaw imorru *counselling* u minn hawn hareg kwadru tal-problemi li kellha l-attrici m'ommha. Kellha hafna rabja lejn ommha u kienet tahseb li din ma thobbix. Kienet kissret ukoll ir-relazzjonijiet maghha. Baqqghet iffisata li l-attrici ma ridithiex.

Il-konvenut ighid li minn dejjem kellu relazzjoni tajba ma' uliedu, l-iktar ma' E . L-attrici kienet iktar miguba lejn D. Kuntrarjament ghal dak li qalet l-attrici kien ighaddi hafna hin maghhom, Ma' D ighid li kienu jingwalawha hafna u kienu jmorru jistadu flimkien, Kien iwassal lit-tfal ghall-impenji taghhom ghax l-attrici ma kinitx issuq.

Wara li bdew bil-proceduri ta' separazzjoni, kull nhar ta' Sibt kien ikollu access ghall-minuri F. L-attrici kienet qaltlu li jiekol biss mill-kids meals u ghalhekk kien dejjem jiehdu l-istess ristorant il-Waterfront. Imbaghad sar jaf li ma kienx minnu u t-tifel kien ihobb kollox u li gara kien li mal-attrici kien jiekol imbarazz bhal *chicken nuggets* u *cocktail sausages*. Meta saret taf l-attrici regghet spiccat tiggieled mieghu.

Bhala flus ghall-hajja, il-konvenut ighid li peress li kien *self-employed* u l-introjtu tieghu kien ivarja, kien ihallasha skond il-qliegh li kien jaghmel. Kien imbaghad ftehem ma' hu l-attrici li kien jiddepositalu c-cekkijiet mal-Bank of Valletta plc., imbaghad meta telaq mill-impjieg, kien missier l-attrici li kien jircievi c-cekkijiet minghand il-konvenut biex jiddepositajhomlu, izda gara li minflok kien iddepozitahom kien zammhom ghandu. L-attrici mbaghad riedet cekk book u kien ghamilha wiehed u fethilha zewg kontijiet mal-bank, izda xorta wahda l-attrici baqghet tghaddi certu ammonti ta' cekkijiet lil missierha.

Kien talab lill-attrici ggib il-flus minghand missierha, peress li kellu bzonn il-flus minhabba hsara li kien ikkaguna meta kienu waqghu x-xorok. Kien irrifjuta li jiffirma li kien ircieva l-hlas lura minghand missier l-attrici u dan huwa michud minn dan tal-ahhar u jinsisti li kien hemm karta li ffirma bejniethom, izda l-konvenut jikkonferma li ma gietx ipprezentata. Missier l-attrici kien qed isostni li l-konvenut kien qed ighaddilu l-flus biex jevita t-taxxa, izda l-konvenut sar jaf, li missier l-attrici kien qed jiddeposita l-flus fil-kont tal-kumpanija tieghu C.B.L. biex jevita jiehu loan u jiffranka l-imghaxijiet.

Il-konvenut ikompli jispjega li kien ghadda xi €8, 000 lill-attrici u dan biex tiehu hsieb ukoll xi spejjes tad-dar u meta rcevew kont tad-dawl fl-ammont ta' €900 induna li l-attrici kienet qed izomm il-flus li kien itiha ghaliha. Mill-istatements bankarji kien irrizulta li l-attrici kienet thallas il-bzonnijiet taghha u x-xirijiet bil-credit card u tigbed il-flus mill-kontijiet bankarji. In kontro-ezami jghid li ma kienx jaghtiha cash, imbaghad jikkonferma. Ighid li kien ighaddilha cekkijiet f'ismu personali u dawn ukoll kienet tghaddihom lill-familja taghha. Kien izomm flus biex imexxi x-xoghol

tieghu u l-ispejjes tieghu, bhall-bolla, il-kont tad-dawl u l-VAT, il-bqija kien ighaddi kollox lill-attrici.

Ghand missier l-attrici kien taht l-impressjoni li kien hemm cirka €15, 000, izda waqt il-proceduri rrizulta li kien hemm €12, 500 u peress li l-attrici u missierha kienu jiehdu hsieb dan il-flus, ikkonferma li kienet hadet €2, 500. Jichad li kien ighaddi €1, 000 lill-attrici, izda kien ighaddilha skond ma kien jithallas mill-klijenti, Jistaqsi fejn kienu jmorru l-flus u dan peress li l-attrici bil-kemm kienet issajjar u kien ghad fadal ukoll hafna x'isir fid-dar taghhom. Esebixxa diversi ritratti biex juri li d-dar lanqas kienet biss kompluta bhala accessorji.[4]

Fuq parir tal-avukat tieghu, kien waqaf ihallas lill-attrici u kienet waqqfghet isajjarlu u tahsillu hwejgu. Kienet ukoll hallietlu hafna kontijiet b'lura. Kienet tahbilu ukoll l-ikel u tghid kontrih jekk kienet issib xi oggett nieqes.

Din il-hajja ta' kuljum kienet gieghlitu jghaddi minn hafna stress, tant li kellu jmur ghand tabib. Ftit wara l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri E u F, filwaqt li halliet lil D, peress li ma kienx qabel maghha. L-istess kienet waqqfghet issajjarlu u tahsillu hwejjgu jew terfa' idejh fuqu u meta kiel xi ikel li kienet halliet, l-attrici kienet ghamlet xenata shiha u keccietu barra mid-dar. Meta telqet l-attrici, kienet hadet maghha hafna oggetti appartenti l-komunjoni. U ma kienet hadet xejn parafernali ghaliex il-familja tal-attrici ma kinux tawha dota. Mid-dar matrimoinjali kienet garret id-deheb taghhom, fil-valur ta' €1,

[4] Ara Dok. AC 1 a fol. 2038 tal-process.

400 kif ukoll tal-konvenut u D. Jelenka l-oggetti kollha li hadet maghha l-attrici.

Meta telqet l-attrici kellha kull intenzjoni sabiex tallontana lil uliedha minn mal-konvenut. Kienet tghid kontra l-konvenut. Kien irnexxielha tiehu lil E u F, izda ma kinitx ikkonvinciet lil D, li kien qala' l-iswat minghandha u lanqas ma kienet qed issajjarlu jew tahsillu hwejjgu.

Il-konvenut semma' dwar l-incident li sehh fit-23 ta' Dicembru, meta l-attrici kienet marret fid-dar matrimonjali biex terga' ggorr xi affarijiet u Shaun kien ipprova jwaqqafha. Irreagiet billi ppruvat issuq ghal fuqu, peress li kien pogga lilu nniffsu quddiem il-bumper. Shaun kien ikkonferma dan kollu mieghu, ghax minkejja li kien cempillu biex ighidlu x'kienet qed taghmel l-attrici, meta rnexxielu jasal kienet telqet. It-tifel minuri kien irrakkonta l-incident mal-Agenzija Appogg.

Il-konvenut semma' ukoll incident fejn l-attrici kienet fuq it-telefon u kienet halliet il-minuri Luke ma' Shaun dak iz-zmien u spicca wegga' sew ghax kien inkisser flixkun tal-hgieg u qassamlu l-polz. L-attrici kienet wahlet f'Shaun u ghalhekk qatt ma kien tkellem, izda issa li kien kiber kien tkellem mal-konvenut ghax kien konvint li ma kienx tort tieghu, izda l-irresponsabbilita' tal-attrici.

Il-konvenut jilmenta dwar l-atteggjament tal-pulizija tal-ghassa tal-Hamrun meta jkollu l-access, ghax jikkooperaw biss mal-attrici. Jitkellem fuq l-access u li F jiehu gost u jkun rilassat meta jkun mieghu u ma' D, sakemm isir il-hin li jerga' jmur lura ghand ommhu. Kien jarah imdejjaq u mbezza' meta kien ser jitlaq ghal ma' ommu.

Minhabba l-intoppi u l-glied li kien ikollu jfacca ghall-access li kien jibda l-ghassa tal-Hamrun. Kellu jiftah proceduri l-Qorti, minn fejn imbaghad l-Onor. Imhallef Noel Cuschieri, kien hareg digriet iehor, fejn l-access tieghu kellu jkun akkumpanjat minn marixall tal-Qorti, kif ukoll bl-assistenza ta' haddiema socjali u b'hekk kienu waqqfu l-abbuzi da parti tal-attrici.

Dwar shares fil-kumpanija C.B.L. ighid li s-shares inxtraw fiz-zwieg u kellu dritt ghal sehemu. Ighid li l-attrici kienet qed tghid li dawn kienu shares li nghatawlha *donation.*

3. DB, bin il-partijiet maggorenni, jispjega li ftit qabel m'ommu ma telqet mid-dar kienet waqqfghet tahsillu hwejjgu u ssajjarlu. Kien iqatta' hafna hin ma' missieru l-konvenut u jahseb li ommu kienet hadet ghaliha. Kienet tippretendi li ghandu jikkontribwixxi lejn certi spejjes, meta ma kienx jaqla' flus ghax kien ghadu student.

   Isemmi diversi incidenti fejn ommu kienet refghet idejha fuqu u jisspecifika li kien hemm drabi ohra, izda kien irnexxielu jwaqqafha.

   Darba ghax kien kiel xi ikel mill-frigg kienet nehhietlu l-fan mill-kamra tieghu u dan kien fl-eqqel ta' Awissu u kienet waddbitlu l-affarijiet minn barra kamartu u kienet keccietu mid-dar.

   Jistqarr li l-iktar li kienet weggghetu kien meta ammettiet mieghu li kienet marret ma' ragel Sqalli biex tivvendika ruhha mill-konvenut u meta kkonfrontaha kienet ippruvat tgiddbu u ghalhekk kien tilef kull rispett lejha.

Ighid ukoll li kemm-il darba, l-attrici kienet tohrog u kienet thallihom jew ma' hbiebha jew mal-familjari taghha u kienet tghidlhom biex ma jitkellmux.

Ikkonferma l-incident li semma' l-konvenut li sehh fit-23 ta' Dicembru, 2009 u l-incident fejn wegga' huh F f'idejh u kellu jaghmel operazzjoni

Dwar F u E, ighid li F jiehu gost meta jkun mieghu u mal-konvenut, filwaqt li E ghall-bidu tkun lesta tohloq argument, izda mbaghad toqghod.

Mill-2019 ix-xhud ighid li ilu ma jara lil huh F tlett snin. Kien mar ifittxu l-iskola ghall-gheluq sninu u kemm kien tah il-birthday card. Ma kienx baqa' jarah peress li kellu access taht supervizjoni u F kien iddecieda li ma riedx jattendi l-access iktar.

Dwar ohtu E jghid li kien ilu ma jkellimha madwar sentejn. Kien jikkomunika maghha tramite Facebook. Kien baghat jinfurmaha li missierhom kien l-isptar u kienet baghtet tghidlu li kienet ghaddiet mill-ezamijiet.

Ix-xhud ikompli jispjega li l-Appogg kienu damu itawwlu biex jibda l-access u hafna mir-rapporti li ghamlet Andreana Gellel kienu inveritieri u jallega li kienet anke mmanipulat ix-xhieda tas-social workers Claire u Josef, tant li gieghlithom jigdbu. Imbaghad kien waqaf l-access ghax Gellel bdiet tghid li l-konvenut ighid kontra l-attrici waqt l-access.

4. MG, missier l-attrici jispjega li l-ewwel darba li nduna li kien hemm xi problemi, kien ftit wara li twieldet l-ewwel wild taghhom D, meta l-attrici

kienet marret ghandhom u l-konvenut kien mar ighajjat wara l-bieb taghhom. Minn hemm ta' sikwit kien jinduna li ma kinux qedghin jitkellmu, ghax kienu jkunu ghandhom kull nhar ta' gimgha. Ighid ukoll li darba kienu kkancellaw l-ikla tal-Milied ghax kellhom xi jghidu,

Missier l-attrici jtenn ighid li kien jisimha qanpiena wahda u cioe' tal-konvenut, li kien jilghabha tal-innocenti u kien jikkonvincih li l-attrici kellha problemi. Imma fl-ahhar l-attrici ddecidiet li tiftah qalbha maghhom.

Il-konvenut kien beda jibghatlu messaggi fejn kien qed jimmalafa lill-attrici u jakkuzaha li hi halliela. Fil-fatt kellu jaghmel rapport lill-pulizija.

Jikkonferma ukoll li peress li l-attrici u z-zewgt uliedha jghixu mieghu, jinduna li t-tifel minuri kien imur kuntent qabel mal-konvenut peress li kien ikun hemm huh D, izda dan l-ahhar wara li dan tal-ahhar xehed kontra ommu l-attrici, it-tifel minuri F kien baqa' mbezza. Kien hemm anke incident fejn il-konvenut kien saq ghal wara l-attrici u binha.

Meta kienet qed tmut martu, jistqarr li l-konvenut u binthom D ma kienx ma jaraha meta kien jaf li kienet marida u lanqas ma kienu marru l-funeral.

Isemmi incidenti l-ghassa tal-pulizija waqt l-access, fejn l-minuri F ma riedx imur u l-pulizija kienu qalulu li ma setghux igieghluh la ma riedx imur u darb'ohra kien mar hebb ghalih il-konvenut.

5. NG, hu l-attrici jikkonferma ukoll li kien rah u tkellem mal-konvenut dwar dizgwid li kellhom bejniethom il-kontendenti. Isemmi ukoll li l-konvenut kien ossessjonat li l-attrici kienet tigri mal-irgiel u dan minhabba li meta

kienu nfirdu ghal xi zmien kienet harget ma' xi guvni. Kien iffissa ukoll li t-tifel minuri F ma kienx tieghu. Kien issuggerilhom li jmorru counselling.

Ighid li l-ahhar li tkellem mal-konvenut u D kien meta l-konvenut kien mar ghandu u beda jghajjat quddiem Dun Gorg Dalli. Jinkwieta fuq it-tfal E u F ghax ihossuhom imdejjqin b'din is-sitwazzjoni.

6. OG, mart NG, tishaq li l-attrici kienet titkellem maghha u kienet tghidilha li kienet thossha mdejjqa. Il-konvenut kien iwahhal fl-attrici ghall-inkwiet li kellhom ghax kien ighid li tbati mill-burdati.

   Tikkonferma ukoll li l-konvenut kien jissusspetta li t-tielet wild taghhom ma kienx tieghu u lanqas ma wera sapport lil martu li kellha xi problema bit-tqala.

   Tispjega li fl-2005, il-konvenut kien telaq mid-dar ghal xi zmien. Minhabba d-dizgwid li kien jinqala' bejniehthom tghid li hu u r-ragel kienu jevitaw li jiltaqghu maghhom, izda meta telaq mid-dar ippruvaw ighinuhom u anke marru healing service flimkien, Kienu anke laqaghhom ma' Dun Gorg Dalli, izda kien ghamel xenata jghajjar lill-attrici u kien qisu wiehed ipposedut. Tghid li l-attrici qatt ma kienet titkellem hazin fuq il-konvenut, minkejja l-infern li kienet ghaddejja minnu.

7. PG, hu l-attrici jghid li kien zmien wara li sar jaf li bejn ohtu u l-konvenut kien hemm xi problemi. Ighid li l-attrici kienet qaltlu li l-konvenut kien qieghed ixerred affarijiet foloz fuqha u jakkuzaha li kienet serqet xi flus, Kienet ilmentat ukoll mieghu li l-konvenut ma kienx qed ihallas il-kontijiet u lanqas ighaddilha flus ghall-hajja u kien qed jonqos li jhallas ghall-mizati

tal-iskola, kif ukoll it-trasport. Il-konvenut kien anke verbalment jabbuza minn bintu E.

Jikkonferma li l-attrici ttentat kemm il-darba sabiex tipprova ssalva z-zwieg taghha, izda kien ghalxejn u f'Awwissu, 2008 tilfet kull speranza u ddecidiet li titlaq. F'dan l-istess zmien ommhom kienet tinstab rikoverata l-isptar u kien ghalhekk li kien ighin lill-attrici billi jzommilha lill-minuri Luke peress li l-konvenut qatt m'offra. Kien jarah imdejjaq u kien ikollu hafna nervi. Maz-zmien, it-tifel F kien sar close tieghu u kien jiftah qalbu mieghu. Kien ihossu mdejjaq ghax xtaq li jkollu familja maghquda. Wara l-incident fejn D kien beda jghajjat m'ommu, F ma baqax jiehu gost imur ghand il-konvenut, fejn dejjem kien ikun hemm huh. Illum qed jerga' jmur minhabba li hemm digriet tal-Qorti.

Ix-xhud jikkonferma li huwa *financial controller* ta' C. Boffa Limited, li hija kumpanija li waqqaf missierhom. Dwar l-attrici jghid li hija azzjonista ta' 350 shares fl-istess kumpanija, liema shares totali jammontaw ghal 5000. Dawn is-shares inghatawlha bhala donazzjoni

a) 30 shares fit-23 ta' Dicembru, 1987 ( qabel iz-zwieg) u
b) 320 shares fis-27 ta' Mejju, 1996.

Meta s-socjeta' twaqqfet fl-1987, l-attrici kienet tahdem hemm u nghatawlha s-shares u meta ngahtawlha it-320 shares is-*share capital* kien zdied minn 500 sa 5000 shares. L-attrici ma kinitx ikkontribwit ghal dawn is-shares u lanqas tircievi *dividends* minghandhom.

8. QR, neputija tal-konvenut tiftakar li l-kontendenti kienu ghamlu zmien joqoghdu tahthom. Tghid li l-konvenut kien dejjem ikun xoghol u ma tantx

kienu jarawh, u jekk kien jitla' jara lill-genituri tieghu, l-attrici kienet tghajjatlu biex jinzel ghax ikun dam wisq.

Tghid ukoll li l-konvenut kien jilghab hafna maghhom u kienet tohrog tilghab ma' D. Mentri meta l-attrici kienet qalet lil ommha li l-konvenut kien qed jixrob u kienu qed jiggieldu hafna m'emmnitix ghax zijuha ma kienx dak it-tip.

Dwar l-attrici tghid li kienet kwieta, izda kienet turihom li ma kinitx kuntenta bil-presenza taghhom. Kien ikollha titlob permess minghandha sabiex tilghab ma' E u gieli marru jhabbtulha u minkejja li kienu jindunaw li kienet hemm ma kinitx tifthilhom. Meta l-kontendenti kienu ghadhom gharajjes kienu gieli jmorru maghhom il-bahar u anke wara li zzewwgu, izda mhux daqshekk spiss.

Illum tghid li D u l-konvenut jaqblu hafna u D jidher kuntent, izda kien imdejjaq minhabba li fil-fehma tieghu l-attrici kienet qed iddawwar lil hutu kontrih. L-incidenti li ssemmew ukoll tghid li dejquh hafna.F kien jirrakkontalhom kemm kien beza' meta l-attrici kienet saqet ghal fuq D.

Hafna drabi waqt l-access, il-konvenut kien imur izurhom u E kienet tiekol u tikkumplimenta lil ommha, izda mbaghad kienu jcemplu mill-ghassa tal-Hamrun biex ighidulha li l-attrici tkun ghamlet rapport fuq xi haga li E tkun qalet li nqalghet waqt li kienet maghhom. Meta ommhom kienet l-Inghilterra, tghid li kien hemm forsi xi darbtejn meta l-attrici kienet sajritilhom.

Izid tghid li kienu ltaqghu mal-attrici, li kienet ma' guvni, izzommlu idejh u titghannaq mieghu. E kienet hemm ukoll izda hi u l-attrici ghamlu ta' bir-ruhhom li ma kienux rawhom.

Oht ix-xhud STU ikkonfermat dak kollu li qalet ohtha u ziedet tghid li l-attrici kienet tippreferiha u kienet taghmilha ovja ghax kienet tfahharha. Gieli kienet tghid lil ohtha Q tinzel ukoll, l-iktar meta kien ikun hemm in-neputija taghha, Meta imbaghad kienet telqet lill-konvenut, ir-relazzjoni taghhom kienet inbidlet u kienet ghajjritha meta marret mal-konvenut biex jigbru lit-tfal minuri F u E.

Tichad li l-attrici kienet taghtiha l-lezzjonijiet tal-Ingliz u li kienet issajjrilhom. Lanqas meta missierha kien tah xebgha ghax kien imlahhlah ma kienet marret tghinha. Kienet biss talbithom biex izommu l-kwiet.

9. VWR, oht il-konvenut, tghid li ghamlet zmien toqghod fl-appartament ta' fuqhom f'Gwardamangia. Tghid li minn dejjem tafhom jargumentaw qabel u wara z-zwieg, izda ma kinitx taf fuq xiex kienu jargumentaw, izda kienet tisma' t-tghajjir. Darba kien hemm argument peress li kienu waqqfulhom ic-childrens allowance peress li kienu rcevew xi flus mis-shares.

Tghid li l-attrici kienet tfissdu hafna lit-tifel D, li kien il-kbir u kienet issajjarlu dejjem l-istess ikel meta kien jigi lura mill-iskola jew tarja, ravjul jew Bovril. Kienet taqbel mieghu u kienet igibu izjed mit-tifla, pero' tghid li meta kien zghir kien jaqla' xebgha kuljum. Tafu tghid ghax l-attrici kienet titla' fuq inkwietata li kienet wegghatu.

E kienet il-principessa ta' missierha u kien ighaddi hafna hin jilghab maghha nhar ta' Sibt ghax kien jahdem nofs ta' nhar.

Izid tghid li dak iz-zmien, l-attrici ma kinitx tahdem u kienet tohrog mat-tfal u tigi lura kwazi maghhom.

Dwar ir-relazzjoni taghha mal-attrici, tghid li kienet gieli tmur tnewwah ghandha ghax kienet thoss li ommha ma thobbhiex. Ommha kienet dejjem tghajjarha li hi bla hegga u dan kien minnu, izda mbaghad il-frustrazzjoni taghha kienet tixhtu fuq haddiehor, partikolarment fuq omm ix-xhud. Mill-banda l-ohra ma kinitx tiftah qalbha maghha dwar il-problemi mal-konvenut, izda ghaliha nnifisha kienet tghid li kienet rasha iebsa.

Ma kinitx tkun trid li l-genituri tal-konvenut imorru ghandha, imma mbaghad kienet ikkummentat ma' missieru meta rat li kienu jkunu ghand ix-xhud kuljum.

Tistqarr li meta marru jghixu H'Attard, iktar kellhom inkwiet u dak iz-zmien kien twieled it-tifel minuri F. Hawn il-konvenut kien sar jaf li waqt l-gherusija, l-attrici kienet harget ma' Sqalli u ammettiet maghha li ma kienx zball ta' darba ghax meta gie Malta kienet regghet iltaqghet mieghu. Ma tantx kienu jingiebu, pero' wara li miet missier il-konvenut, l-attrici kienet cemplitilha sabiex isaqsiha biex tkellem lill-konvenut peress li kien ihobb izomm go fih u kienet qaltilha li kien qed jixrob ukoll.

Dwar l-attrici tishaq li ma kellhiex relazzjoni tajba ma' uliedha u kienet tghidilhom li ma kienitx zithom. Kienet marret maghhom ukoll xi *prayer groups*, fejn l-iktar li kienu jattendu kien minhabba li l-attrici kellha problemi m'ommha.

Fuq l-incident tal-karozza kienet taf dwaru peress li kienu qalulha D u F. Ikkonfermat li l-attrici kienet harget illiberata u li ma kienx appell mis-sentenza. Tichad li meta kienet telghet l-Inghilterra ma' missierha, l-attrici kienet gieli sajret ghat-tfal.

10. XYZ, it-tfajla ta' D, bin il-partijiet tistqarr li ilha taf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar sena u nofs u tafu bhala bniedem organizzat u nadif. Peress li tkun hafna ghandhom hi u D ighinu lil F fl-istudji tieghu, in partikolari l-Maths u l-Physics peress li kien qed jehel fihom, ghax ma kienx qed isib ghajnuna, izda malli kienu qed jghinuh, tghid li F rnexxielu jghaddi.

Izid tghid ukoll li F kien qal quddiemha kemm il-darba li l-attrici ma riditux jilghab jew ikollu tip ta' kuntatt ma' huh D. Kienet anke hedditu li kienet tkissrlu mhux biss il-*mouse*, imma l-kompjuter ukoll jekk kienet terga' taqbdu jilghab ma'D . Izda kienet tinduna li ghall-kuntrarju F kien ikun kuntent hafna maghhom u kien dejjem jittratjeni sabiex jitlaq.

Tistqarr ukoll li l-minuri F qalilhom li hafna drabi filghaxijiet kien ikun wahdu u ma kienx ikollu x'jiekol u lanqas min ighinu bil-homework. Kienu qalulu biex jibda jaghmel almenu naqra hobz u dan kollu kien ammettih quddiem is-supervisors Claire u Josef. Kien jiekol tigieg jew pizza zghira ghall-ikla ta' nofsinhar, izda qalilhom li l-ikel dejjem kien l-istess.

Izid tghid li kien hemm nuqqasijiet ohra da parti tal-attrici, ghaliex ma kinitx tiehu lit-tifel minuri F ghand tabib meta kien ma jiflahx u kienet taghtih medicina tat-tfal mhux tal-eta' tieghu.

Tistqarr ukoll li kienet rat lill-minuri F fil-kumpanija ta' 12, li huwa l-gharus tal-attrici u kienu hemm darbtejn li kienet halliet lit-tifel minuri

wahdu. Il-minuri jikkonferma li kien iqatta' hafna hin wahdu ghax l-attrici kienet tohrog u ddum u ma kienx jaf isajjar u lanqas ma seta' johrog ghax ma kellux cavetta biex jiftah.

Tghid li l-konvenut ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni u kien ovvju li l-minuri F kien ihoss in-nuqqas tal-hin li kien iqatta' ma' huh D u mal-konvenut meta kienu jorganizzaw bbqs u jaghmlu sleep overs.
Ikkonfermat ukoll li l-minuri F kien tkellem dwar meta kellu incident f'idu, wara li l-attrici kienet halliet lilu u lil huh wahedhom.

11. Michael Schembri, in rapprezentanza ta' Global Capital plc. ikkonferma li kien sab polza « Wealth Saver Policy" ( unit linked) b'valur ta' €2973 f'isem il-konvenut. Ighid li l-polza kienet inbdiet fit-23 ta' Ottubru, 2007 u kien ihallas €349.91 u kien lahaq hallas €2795.[5]

12. Jeanette Lepre, in rapprezentanza tal-Lombard Bank plc. Tikkonferma li kienet sabet zewg kontijiet f'isem il-konvenut - kont kurrenti li nghalaq fl-2002 u iehor fixed term deposit li gej minn wirt u huwa bblukkat u l-interessi jinghataw lil ommu.[6]

13. 34, habiba tal-attrici li saret tafha ghaliex kienu jattendu ghall-prayer group « Families for Christ , » koppji li ghandhom problemi kienu jiltaqghu maghhom u jippruvaw ighinhom. Tghid li l-kontendenti kienu marru jkellmuhom u kienu segwew kors ta' ghajnuna. Kienet qaltilha li l-konvenut kien ghajjur, u kien verbalment abbuziv. Kienu jiltaqghu darba fix-xahar u anke bit-telefonati. Maz-zmien is-sitwazzjoni qalbet ghall-

[5] Ara Dok. AC 1 u Dok. SM 1 u SM 2
[6] Ara Dok. JL 1 u JL 2

aghar. It-tfal bdew jaraw lill-konvenut l-ghassa u kellu hafna dizgwid maghhom.

Tghid li dak li taf tafu ghax qalitulha l-attrici u kienet iltaqghet mal-konvenut darba biss u qatt ma kienet tkellmet mat-tfal.

14. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm zewg kontjiiet f'isem l-attrici li huma savings account u t-tnejn jinstabu maghluqin.[7]

Ikkonfermat li kien hemm kont wiehed personali tal-konvenut.[8]

15. 56, habiba tal-attrici, kienet saret taf lill-attrici peress kellhom it-tfal li kienu jmorru flimkien il-*playschool*. Kienu jiffrekwentaw lil xulxin ukoll. Tghid li l-attrici hija omm tajba u kienu ltaqghu waqt il-kors li kienu qed isegwu "Ghodda f'idejn il-Genituri."

Tistqarr li l-attrici u binha huma *close* hafna u darba minnhom, kienu Popeye's village u F beda jibki ghax ma riedx imur iktar ghand missieru. Qatt ma kienet rat lill-konvenut bit-tfal wahdu.

16. Romuald Attard, in rapprezentanza tas-socjeta' Bank of Valletta plc. ikkonferma li kien sab tlettax-il kont bankarju, ghaxra f'isem l-attrici, tnejn joint u l-iehor kont ta' credit card.[9]

---

[7] Ara Dok. GA 1 u GA 2
[8] Dok. AG 1
[9] Ara Doks. RA 1 – RA 13

17. Psikologa Louisa Eminyan fuq ir-rapport taghha xehdet li ma rrizultax li kien hemm *neglect u physical abuse* fuq it-tfal. Tghid li F ma semmiex li nannuh kien isawwtu u ghalhekk ma baghtitx ghalih.  Lanqas ma rrizultalha li l-minuri F ma kienx qed jiekol tajjeb u *healthy*. L-inkwiet tal-konvenut li t-tifel kien *undernourished* ma kienx jirrizulta mill-fatt li kien jibza' ghalih, izda kien jaghmillu interrogazzjoni u jzomm djarju ta' x'kien jiekol. F ghandu relazzjoni tajba kemm ma' missieru, kif ukoll m'ommu, izda jkun fl-ahjar interess tieghu li jkun hemm *joint custody,* pero' jkollu residenza primarja. Kien hemm diversi allegazzjonijiet miz-zewg nahat, izda t-tifel minuri F qatt ma kkonferma abbuz, mit-tpingijiet ma hareg xejn minn dan u lanqas mill-a*ssessments* li ghamlet mat-tifel u mal-genituri ma rrizultalha.

Dwar l-attrici tghid li rrizutalha mit-testijiet li zemmet, li hija over-protective bhala omm, iktar mis-soltu jkunu, kienet *just below average*. Dwar il-konvenut tghid li ammetta maghha li jsaqsi lit-tfal hafna mistoqsijiet dwar ommhom u tispjega li dan huwa ta' detriment ghall-minuri F.

Dwar il-fatt li l-psikologa damet cirka tlett xhur sabiex tiltaqa' mal-minuri F, tghid li dan gara minhabba l-oggezzjonijjiet li ghamel il-konvenut fejn kienet ser issir il-laqgha u kif. Kellha ghalhekk kellha titlob il-parir tal-Qorti u ltaqghet  mieghu l-iskola.

Dwar testijiet tal-abbuz, tghid li dawn ma jezistux, pero' tuza' *projective tests* li huma *personality tests* ghall-genituri u l-interviews. Tghid ukoll li ma tiftakarx li D semma' xi haga dwar li l-attrici kienet isawwat lill-minuri Luke. Issemmi li kien qalilha dwar l-incident tal-karozza.

Tikkonferma li l-attrici kienet tibghatlilha l-messaggi biex tghidlilha x'kien qed jigri, izda ma kinitx tirrispondiha. Il-konvenut kien anke cemplilha u kienu jaghmlu rapport fuq xulxin.

Dwar it-tifel maggorenni D tghid li kienet tkellmet mieghu u kkonfermat li fin-noti li kellha kienet nizlet li ommhu, biex tiddixxiplinah kienet sawwtitu u kienet sawwtitu ukoll darb'ohra waqt argument. Ikkonferma maghha ukoll li kienet issawwat lil F. Kienet ukoll kitbet li D kien semma' li ommu kienet ippruvat ittajjru bil-karozza, izda ma kienitx semmithom fir-rapport taghha, peress li ma kinux rilevanti, peress li l-kompitu taghha kien biex taghmel assessjar ta' E u F, dwar kura u kustodja u access.

Meta giet mitluba tghid jekk tahsibx li ghandha tiehu in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-kura u kustodja, allegazzjonjiet ta' abbuz emozzjonali u fiziku fuq it-tfal, tispjega li l-assessjar isir fuq hafna affarijiet u informazzjoni migbura.

Izid tghid li kienet inkwietata fuq diversi mistoqsijiet li kien qed jaghmel F. Kien konxju tal-affarijiet li kienu qed ighidlu fuq xulxin il-genituri tieghu u kien jibza' li jidhlu l-pulizija fin-nofs jekk ighid xi haga fuq wiehed minnhom. Il-minuri kellu dilemma morali peress li missieru kien wieghdu kelb u kien staqsa jekk kinitx xi haga tajba li jaghzel kelb minflok ommu. Tghid li din kienet xi haga normali fit-tfal meta jkun hemm xi haga konkreta.

Fuq l-attrici tghid li kienet turi « clinically significant elevation on the dependant scale," li jfisser li hija persuna li ghandha hafna bzonnijiet u tiddependi mill-ohrajn biex tissodisfa dawn il-bzonnijiet. Minn ghand it-tfal ikollha bzonn tara minghandhom li jhobbhuha.

Fuq E tinnega li din tbati minn *parental alienation syndrome*.

18. KL, habiba mit-tfulija tal-attrici. Meta kellhom problemi kienu jikomunikaw maghha t-tnejn. Il-konvenut kien jibghatilha l-messaggi, izda mhux dejjem kienu jaghmlu sens. Issemmi meta l-konvenut kien mar ghandha jibki ghaliex allega li 20 sena ilu, l-attrici kienet marret Sqallija u ppruvat tfiehmu li ma kienx minnu.

    Izid tghid ukoll li l-attrici kellha qatgha meta saret taf li kienet tqila u kienet cemplitilha tibki. Kienet qed tibza' tghid lill-konvenut u meta qaltlu akkuzaha li t-tarbija ma kinitx tieghu.

    Tishaq ukoll li l-attrici kellha relazzjoni tajba ma' D, anzi kellha *soft spot* ghalih u kienet ghenitu hafna ghall-O' Levels,

19. Andreana Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg ikkonfermat li kienet segwit l-access tal-minuri flimkien mal-omm kif ukoll mal-missier. Kien jidher li kellu relazzjonijiet tajba mat-tnejn. L-unika haga li nnutat kienet li fid-dar tal-missier kien sar xi diskors kontra l-attrici u f'dan l-ambjent il-minuri jhossu skomdu. Id-diskors kien sar lilha quddiem it-tifel, li allegatament il-konvenut sostna li t-tifel F kien jigi msawwat minn ommu biex jopponi ghall-access. It-tifel innega dan kollu maghha, izda madanakollu kien jiddejjaq li jizfen fin-nofs.

    Tkompli tghid li s-supervisors kienu nfurmawaha li t-tifel minuri tqieghed f'posizzjoni skomda meta l-konvenut u huh D kienu bdew jaghmlulu hafna domandi ghaliex ma kienx qalilhom dwar il-*live in.* Ix-xhud tikkonferma li l-konvenut kien inghata gurnata in sostituzzjoni ghall-access.

    Issemmi incidenti ohra li bihom giet infurmata mis-supervisors, li l-konvenut kien beda jghid lill-minuri F li ghandu missier iehor 12, li u kien

beda jisfidah peress li ma kienx mar tajjeb f'xi ezamijiet u dan kollu gieghlu jhossu skomdu.

Dwar l-ahhar aggornament, Gellel tghid li l-minuri F huwa kuntent u komdu u ma jixtieqx ikollu access ma' missieru u D biex jevita hafna mistoqsijiet.

*20.*Claire Anne Scerri, supervisor mal-Agenzija Appogg ikkonfermat l-incidenti li semmiet Adriana Gellel. Dawn sehhew fit-23 u s-26 ta' Jannar u fit-2 ta' Frar, 2016. Dwar il-*live in* tghid li l-konvenut u ibnu D mill-ewwel saqsew lill-minuri F ghaliex ma kienx infurmahom biha. Hi ukoll kienet marret ghall-access u ma kinitx avzatha, pero' mill-verifiki li ghamlet irrizultalha li l-attrici kienet avzat lis-social worker, li minn naha taghha kienet insiet tghidilha dwar il-*live in.*

Dwar l-incident fejn il-konvenut qal lill-minuri F li kien rah diehel ghand 12, il-partner tal-attrici, tghid li F nnega, izda kien jidher skomdu minhabba li kien donnu qed jigdeb.

Dwar l-ezami tal-fizika, tghid li huh D beda jidhak b'F ghax kien wehel u kellha twaqqfu u kienet anke tkellmet mas-social worker li kellha tghidlu.

Izid tghid li l-konvenut kien ghamel zmien jaghmel hafna mistoqsijiet lill-minuri F, in partikolari dwar 12, il-boyfriend tal-attrici u meta beda dan l-atteggjament u mill-kwistjoni tal-*live in* jidhrilha li l-minuri kien qed imur ta' bilfors u ma kienx qed jiehu gost kif kien jiehu qabel.

21.Josef Camilleri, supervisor mal-Agenzija Appogg ikkonferma l-incident tal-*live in* u hu ukoll ighid li ma kienx jaf biha, Jikkonferma li t-tifel kien

jiddejjaq jirrispondi ghad-domandi tal-konvenut. Kien isaqsih x'ikun kiel u dwar il-partner tal-konvenuta.

Il-konvenut kien ukoll talbu jgib il-karta tal-ezami tal-fizika u kien staqsih dwar l-ECDL module u jekk kienx wehel minnu. Darba tghid li l-konvenut kien uriha email li rcieva mill-iskola fejn infurmawh li l-minuri F kellu resit.

Jistqarr li l-problema kienet li t-tifel minuri F ma kienx ihossu komdu jitkellem.

## KONSIDERAZZJONIJIET

## RESPONSABBILITA'

L-attrici tattribwixxi r-responsabbilita' lill-konvenut u dan minhabba vjolenza, sevizzi, minacci, eccessi u ngurji gravi.

Miz-zmien l-gherusija, ma jidhirx li r-relazzjoni tal-konjugi B kienet wahda kuntenta. Il-glied minn dejjem kien jikkaratterizza il-hajja ta' din il-koppja, Dan il-glied huwa ukoll ikkonfermat mid-diversi xhieda li huma membri tal-familja tal-partijiet. Fil-fatt, kienu ghamlu zmien fejn hassru u kienet l-attrici li regghet marret tfittex lill-konvenut wara sena. Pero' incident li jmur lura ghal dan iz-zmien, baqa' jittormenta lill-konvenut. L-attrici, fiz-zmien li ma kinux flimkien, kienet harget ma' Sqalli u milli jirrizulta mix-xhieda, dan kien fl-istess perjodu li kienet qed tipprova tirranga mal-konvenut.

Il-konvenut donnu baqa' ossessjonat meta sar jaf b'dan tramite habiba tal-attrici li kienet effettivament marret maghha Sqallija. Tul il-proceduri u mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-konvenut ma kienx jafda lill-attrici u baqa' jfakkarha bl-izball taghha, tul iz-zwieg, li wasal anke sabiex

jakkuzaha li t-tifel minuri taghhom Luke ma kienx ibnu, peress li dak iz-zmien meta gie kkoncepit it-tifel, kienu miggieldin u ma kellhomx relazzjonijiet intimi. Dan kollu huwa nnegat mill-attrici li tghid li kien hemm darba biss li kellhom x'jaqsmu u kien minn hawn li nharget tqila. Oltre minn hekk meta mistoqsi ghalfejn il-konvenut ma hax passi biex inehhi d-dubbji li kellu ghal darba u dejjem, irrifjuta peress li jghid li kien ihobb lil ibnu u ma riedx ikun jaf il-verita'.

L-attrici tispjega li l-glied u t-tghajjir, kif ukoll l-insulti kienu kontinwi, tant li kienet tirreagixxi billi ma tirrispondihx jew titlaq 'l barra. L-attrici kellha l-problemi taghha minhabba li kellha relazzjoni difficili u kienet anke tattendi *prayer groups* biex tipprova ssolvi dawn il-problemi. Il-konvenut kien jakkumpanjaha ukoll. Minkejja li jametti dan, il-konvenut imbaghad jakkuza lill-attrici li kienet tqatta' wisq hin mal-familja taghha u li meta twieled Shaun kienu dejjem ghandhom. Ghall-konvenut, l-attrici ma kellha l-ebda rispett lejn il-familja tieghu, li kienet tistieden darba fl-ewwel tas-sena.

Il-konvenut ipproduca diversi familjari, in partikolari ohtu u uliedha, fejn fil-bidu taz-zwieg taghhom kienu joqoghodu fuq xulxin biex ipingu lill-attrici, bhala persuna rizervata li ma tantx kienet tkompli maghhom. Ix-xhieda ta' oht il-konvenut VWR u uliedha QR u STU jixhdu b'mod inkonsistenti u jmeru lil xulxin.  Meta missier il-konvenut kellu jigi rikoverat l-Inghilterra, ma jaqblux li l-attrici kienet issajjrilhom. STU tghid li l-attrici kienet tfahharha u kienet tkun tridha tinzel ghandhom, izda tghid li ghalkemm ma kinux *close* hafna kienet tiehu gost bil-kumplimenti. Jichdu ukoll li kienet tghinhom f'xi studji.

Il-konvenut ikompli jipprova jpingi lill-attrici bhala omm mhux idoneja li ma kinitx issajjar ikel suret in-nies ghall-uliedha u kienet tiggerra' hafna barra, meta mbaghad mix-xhieda ta' D jirrizulta li ommu l-attrici kienet tistinkalu hafna fl-istudji u kienet qabbdet xi hbieb biex ighinuh. Kien ried isir bdot, izda meta attenda l-Junior College kien jattendi biss dawk il-lezzjonijiet tal-Matematika u Fizika, peress li dawk kienu s-suggetti li kellu bzonn u ma kienx ghaddihom, tant li wara li rrepeta z-zmien Junior College, ma setax jaghmel l-ezamijiet tramite l-iskola u kienet interveniet l-attrici. Anke l-habiba tal-attrici KL tghid li l-attrici kellha *soft spot* ghal D u kienet ghenitu hafna fl-O' Levels. Il-psikologa Louisa Eminyan tkompli twaqqa' l-allegazzjonijiet tal-konvenut li l-attrici ma kinitx omm idoneja. Huwa f'dan il-kuntest li jkun difficli ghal dina l-Qorti li temmen il-verzjoni tal-konvenut, li l-attrici ma kinitx jimpurtaha minn uliedha.

Anzi, l-provi juri l-kontra. D kien minn mitt ghajnejha u dan mhux hu biss jammettih, izda l-konvenut u l-familjari tieghu u sahansitra l-hbieb tal-attrici. Ghall-konvenut bhala persuna vendikattiv u manipolatrici ikkappara lil D u ghagnu b'tali mod u manjiera li sar l-alleat tieghu, iktar u iktar meta sahhnu li l-attrici ma kinitx fidili lejh u hataf kull okkazzjoni meta l-attrici marret id-dar matrimonjali biex igib xi cutlery u D akkkuzaha li kienet issawwtu u li ppruvat isuq fuqu bil-karozza. Minn hawn D ighid li kien tilef kull rispett lejn ommu, filwaqt li l-konvenut ikompli jsemmi dan l-incident, meta effettivament l-attrici kienet giet illiberata minn kull akkuza u ma kienx sar appell minn din l-istess sentenza. Lanqas kellhom id-decenza li jattendu ghall-funeral ta' omm l-attrici, li irrespettivament kollox tibqa' membru importanti tal-familja.

It-tfal stess kienu mdejjqin id-dar ighixu fil-glied kontinwu, D ried jitlaq u kien jinsisti m'ommu li kellhom jitilqu mid-dar, E l-istess riedet taghmel ghax ma felhitx tghix iktar f'dak l-ambjent.

L-attur huwa ukoll inkonsistenti fix-xhieda tieghu meta jitkellem dwar l-operazzjonijiet tal-by-pass li kellu jaghmel. Ix-xhieda tieghu tirrizulta wahda inveritiera, in kwantu jghid li f'dan iz-zmien l-attrici kienet ta' sapport ghalih u kienet tmur tarah kuljum l-isptar, flimkien ma'D, izda mbaghad ighid li ma kinitx tahslu jew titimghu meta kien maghkus.

L-attrici resqet diversi provi sabiex turi li l-konvenut kien persuna b'zewg ucuh, anzi ssejjahlu Mr. Jekyll u Mr .Hyde, ghax sakemm tikkuntentah u taghmel dak li jrid ma kienx hawn aqwa minnhu, izda jekk kemm il-darba kont tirfislu saqajh jew tisfida l-fehma tieghu, kien isir vendikattiv u vjolenti. L-attrici tghid hekk :-

***« Hemm zewg nahat ghall-karattru ta' C. Meta kont naghmel kollox kif irid hu, kien itellghani s-sema, imma malli naghmel xi haga mhux kif jidhirlu hu, kien jibda jghajjarni u jittrattani ta' zibel ghax ma nistax insib kelma ahjar."***

Minkejja li l-konvenut xehed bi kliem iebes kontra l-familjari tal-attrici, in partikolari NG, u sahanistra ghajjru giddieb, ma tellghux in kontro-ezami sabiex jirribatti x-xhieda tieghu. Lanqas ma hass il-htiega jaghmel kontro-ezami lil Dun Gorg Dalli wara li ghajjur giddieb u attakkah fix-xhieda tieghu. Dun Gorg Dalli kien jipprova jghaqqad lill-konjugi B, izda xehed li l-konvenut ma tantx kien jikkoopera u sahanistra quddiemu stess kien ikun vjolenti mal-attrici. Hu jghid hekk:-

***"…jkolli nghid li mhux rari li kelli mmur hemm ghax it-tenzjoni kienet gholja hafna. Dan kien jigri meta B kien jirrabbja u jibda jghid kull ma jigi f'halqu anki quddiem it-tfal. Kien juza' hafna kliem hazin u tghajjir li jien kont inqis bhala diskors vjolenti emozzjonalment fil-konfront ta' A quddiem it-tfal bhal "ghax inti gejt hawn bla qalziet ta' taht, " jew "ghax inti tigri mal-irgiel," imma ovvjament b'vokabularju imzewwaq hafna li mhux unur niktbu hawn."***

Dan l-atteggjament, agir u komportament tal-konvenut huwa iktar realistiku u kredibbli u dan wara li dina l-Qorti esperjenzat diversi paranoia tal-konvenut fil-konfront tal-pulizija u l-Ispettur Joseph Agius, mill-Ghassa ta' Zebbug, fejn ighid li dawn kienu hobz u sikkina mal-attrici. L-istess jakkuza lil psikologa Louisa Eminyan li r-rapport taghha huwa monk. L-akkuzi fil-konfront tal-Agenzija Appogg, partikolarment fil-konfront ta' Andreana Gellel li fix-xhieda tieghu jakkuzaha li ppruvat tostakola x-xhieda tal-social worker l-ohra, mentri kull social worker li kien prezenti waqt is-*supervised access visits* ikkonfermaw li l-konvenut kemm il-darba kien jitkellem kontra l-attrici fil-presenza ta' uliedu.

Il-lista tal-paranoia ma tispicca qatt, tant li anke wasal sabiex jakkuza l-Imhallef Robert Mangion li ppregudika x-xhieda ta' F.

Il-gurisprudenza nostrana titkellem dwar id-diversi estremi li tirrikjedi l-ligi sabiex tigi ddeterminata r-responsabbilta' fis-separazzjoni.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi.***" Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.***"

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima.***"

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad,***

***"huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[10]

Illi ghalhekk, wara analizi tal-fatti tal-kaz, ma hemm l-ebda dubbju li fil-kawza odjerna jissussistu l-elementi kollha sabiex dina l-Qorti ssib htija unikament fil-konvenut ghas-separazzjoni tal-partijiet.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

It-tfal tal-kontendenti, ghajr il-minuri F, huma maggorenni, izda anke F ghandu jaghlaq tmintax-il sena fis-sena kurrenti li wasslet fl-ahhar.

Ghal darb'ohra dina l-Qorti thossha urtata f'kawzi bhal dawn ghaliex f'trapass ta' ghaxar snin, b'pattafjun rikors ghall-accessi, illum it-tfal kibru u prattikament ilkoll maggorenni. B'hekk ghaddew il-maggorparti ta' zghozithom jigu rinfaccjati bil-problemi u l-piki tal-genituri taghhom, tant li sfortunatament ukoll infirdu l-ahwa bejniethom,

Ghar-rigward F,  illum ghandu l-eta' tieghu u huwa inutli ghal dina l-Qorti li tippronunzja ruhha fuq l-access ghal istess minuri, meta fadallu biss xahar jew xahrejn biex jaghlaq tmintax. Dwar il-kura u kustodja ukoll kwazi kwazi huwa inutli, izda peress li llum ghaddew ghaxar snin minn meta nfethet il-kawza u l-minuri F, dejjem baqa' jghix mal-attrici u ghalhekk minkejja r-rilevanza llum, sakemm isir maggorenni ghandu jibqa' fil-kura u kustodja eskluzziva tal-attrici.

[10] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003

**MANTENIMENT**

L-attrici ddikjarat li qed tirrinunzja ghad-dritt taghha li tircievi manteniment minghand il-konvenut.

Dina l-Qorti b'digriet taghha tat- 28 ta' April 2016, kienet ordnat lill-konvenut ihallas lill-minuri F s-somma ta' €200 fix-xahar, kif ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Mhuwiex car, mill-provi migbura jekk il-minuri huwiex qed jistudja jew ghandux interess li jkompli javvanza l-istudji tieghu.

L-attrici qed tikkontesta dan l-ammont, stante li l-konvenut qatt ma kien puntwali fil-pagamenti u kienu ttiehdu proceduri kriminali kontrih peress li ma kienx qed ihallas l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Ghalhekk, l-attrici qed titlob li tithallas is-somma ta' €300 ghall-minuri F, liema somma ghandha ukoll tinkludi l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenut jikkontendi li llum minhabba l-problemi kardiaci li jbati minnhom, ma jistax jaghmel xoghol ta' strapazz u ghalhekk naqas ix-xoghol tieghu u di piu' jinsisti li l-introjtu tieghu naqas sew peress li ma tantx kien ghad hawn domanda ghal dan it-tip ta' xoghol tieghu tal-inginier. Ciononostante, l-attrici mhux qed titlob ammont eccessiv, effettivament €100 izjed minn dak li originarjament kien qed ighaddilha ghall-minuri. Oltre minn hekk, l-ammont mitlub huwa ragjonevoli anke jekk mhux ikkonfermat x'inhuma l-intenzjonijiet tal-minuri Luke u cioe' jekk jixtieqx ikompli bl-istudji tieghu full-time, fejn in tal-kaz, l-ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifel jaghlaq 23 sena.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Id-dar matrimonjali bl-indirizz 48, Triq il-Mohriet, Attard inxtrat fiz-zwieg u ghalhekk appartenti l-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, mhuwiex kontestat li kien hemm prelevament favur il-konvenut, peress li dan il-fond kien inxtara fil-maggorparti minn flus li l-konvenut kellu mgemmghin meta kien jahdem il-Libya. Dawn il-flus kienu jammontaw ghal Lm40, 000 u kienu hadu loan ta' Lm10, 000. L-attrici tinsisti li kienet ukoll ikkontribwit cirka Lm5, 000, izda dan hu kkontestat mill-konvenut. Il-familja taghha kien xtrawlha ukoll xi ghamara.

L-attrici qed tinsisti li d-dar konjugali ghandha tinbiegh u ma jkunx hemm il-hlas tal-kreditu favur il-konvenut u dan tenut kont tal-fatt li huwa fil-fehma taghha responsabbli ghas-separazzjoni u kienet nefqet hafna flus matul il-kawza.

Il-perit tekniku Alan Saliba gie appuntat minn dina l-Qorti u vvaluta d-dar ghall-prezz ta' €380, 000, pero' l-partijiet qablu bejniethom li l-prezz fis-suq ta' din id-dar tammonta ghal €900, 000.[11]

Tenut kont tal-htija tal-konvenut, dina l-Qorti thoss li ghandha takkolji t-talba attrici li jkun hemm bejgh tad-dar matrimonjali, flimkien mal-ghamara li tinstab go fiha ghall-valur ta' €900,000, b'dan li l-konvenut jitlef kwalsiasi dritt ta' prelevament fil-konfront tieghu. Jekk fiz-zmien sena l-post ma jinbieghx, il-partijiet ikollhom kull dritt jirrivedu l-valur tal-fond bi ftehim bejniethom jew billi jqabbdu perit. F' kaz li ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet, il-bejgh ghandu jsir b' subbasta.

**Vetturi**

[11] Ara l-verbal tas- 6 ta' Novembru, 2019.

L-attrici xehdet li l-vetturi li kellhom fiz-zwieg, Opel Astra u Toyota Vitz jinstabu ghand il-konvenut. Tikkonferma li ppruvat issib il-bejgh tat-Toyota Vitz peress li kellha hafna hsarat u ma kienx vjabbli u kienet sabet bejgh ghal elf Euro, pero' l-konvenut irrifjuta u kien zamm il-vettura,

L-attrici ma toggezzjonax li dawn il-vetturi jigu assenjati lill-konvenut, flimkien ma' kwalsiasi dejn u arretrati u responabbilita' relatati maghhom.

**<u>Kontijiet Bankjarji/Poloz ta' assikurazzjoni</u>**

Mir-rizultanzi processwali rrizulta li kien hemm diversi kontijiet bankarji f'isem ulied il-partijiet. Peress li llum huwa kwazi kollha maggorenni, dawn il-kontijiet ghandhom jinghalqu u jigu assenjati lit-tfal.

Dwar il-kontijiet kongunti dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Jirrizulta li l-konvenut kellu polza « Wealth Saver Policy" Michael ma' Global Capital plc. b'valur ta' €2973 f'isem il-konvenut u din ghandha tigi assenjata lilu.

**<u>Ishma fis-socjeta' C.Boffa Limited (C 9281)</u>**

a) Il-familja tal-attrici waqqfu kumpanijia C.Boffa Ltd. ( C 9281). Il-konvenut qed jippretendi li jiehu sehemu mill-ishma appartenenti lill-attrici, izda mix-xhieda tal-familjari tal-attrici, bhal PG gie kkonfermat li l-ishma kienu nghataw b'donazzjoni parti qabel iz-zwieg 30 shares fit-23 ta' Dicembru, 1987 u 320 shares fis-27 ta' Mejju, 1996.

Meta s-socjeta' twaqqfet fl-1987, l-attrici kienet tahdem hemm u nghatawlha s-shares u meta nghtawlha it-320 shares is-*share capital* kien zdied minn 500 sa 5000 shares, minn wirt t'ommha. L-attrici ma

kinitx ikkontribwit ghal dawn is-*shares* u lanqas tircievi dividends minghandhom.

Ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li jiehu sehemhu minn dawn l-ishma meta huwa evidenti li huma parafernali u lanqas ma rrizultaw xi dividends mill-istess.

Relatat mal-kwistjoni ta' dina s-socjeta' l-konvenut qajjem kwistjoni li kien ighaddi xi cekkijiet li kien jaqla' u ghal ewwel huh l-attrici PG, li kien jahdem il-Bnak, kien offra li jsarrafhomlu u jghaddilu l-flus. Eventwalment waqaf jahdem u minflok l-attrici kienet tghaddi dawn ic-cekkijiet lil missierha u mhux ikkontestat li missierha kien jiddepositahom fil-kont tas-socjeta' tieghu sabiex jevita l-interessi. Kienet inqalghet kwistjoni dwar dawn il-flejjes, peress ma tantx kien jinzamm rendikont ta' xiex kien qed jigi ddepositat. Ciononostante ma jirrizultax li kemm kontestazzjoni li kien hemm iddepositati ghand missier l-attrici s-somma ta' €12, 000 traddew lura €10, 000 u l-attrici tametti li kienet zammet €2, 000 peress li kien diversi kontijiet tal-iskola li kellhom jithallsu u ghalhekk jirrizulta li din l-kwistjoni giet sorvolata.

L-attrici tammetti ukoll li kienet gibdet somma ta' cirka €4, 000 u dan ghaliex il-konvenut ma kienx qed ighaddilha flus u sabiex tkampa kienet hadet dawn il-flus. Fic-cirkostanzi u tenut kont li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni, dan l-ammont m'ghandux jigi kkalkulat ghall-finijiet tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

**DEKADENZA**

Tenut kont tal-fatti u c-cirkostanzi tal-kawza odjerna, il-htija hija unikament tal-konvenut u dan mill-bidu taz-zwieg u ghaldaqstant ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 52 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-konvenut mid-data taz-zwieg.

**<u>DECIDE</u>**

a. Tilqa' l-ewwel talba attrici ghar-ragunjiet imputabbli lill-konvenut u tichad l-ewwel kontro-talba tal-konvenut;
b. Tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghal F biss u taghmel referenza ghad-decizjoni taghha fis-subinciz "Kura u Kustodja" in kwantu jirrigwarda t-tieni kontro-talba tal-konvenut.
c. Tilqa' t-tielet talba attrici in parte in kwantu tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri F fis-somma ta' €300 li ghandha tinkludi l-ispejjez ghall-edukazzjoni u sahha, liema ammont ghandu jithallas sakemm it-tifel minuri F jsir maggorenni jew sa l-eta' ta' 23 sena jekk jibqa' jistudja full time, filwaqt li tichad it-tielet kontro-talba tal-konvenut.

Stante li l-attrici ddikjarat li qed tirrinunzja ghad-dritt taghha li titlob manteniment tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tar-raba' kontro-talba tal-konvenut.

d. Tilqa' r-raba' talba attrici kif hemm ippronunzajt fis-subinciz « Komunjoni tal-Akkwisti," okkorrendo bin-nomina tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi u l-Perit Godwin Abela u tichad il-hames kontro-talba tal-konvenut in kwantu jirrigwarda t-talba tieghu ghall-prelevament mid-dar matrimonjali.

e. Tilqa’ l-hames talba attrici, filwaqt li tichad is-sitt kontro-talba tal-konvenut.

f. Tilqa’ s-sitt talba attrici

g. Tilqa’ s-seba’ talba attrici.

h. Tichad is-seba’ u t-tmien kontro-talba tal-konvenut.

L-ispejjez ta’ dina l-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef** **Cettina Gauci- DepReg**

**Onor. Anthony G Vella**